**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF;**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA Tat-2 ta' Frar,2001.**

**Citazzjoni numru 869/98 GC**

**AV. PHILIP MANDUCA BHALA MANDATARJU SPECJALI TA' BEARMACH PLC**

**-VS-**

**FALZON LANDROVERS LIMITED**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur noe wara li ppremetta:-

Illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlettax-il elf tmien mija u tnax-il pounds sterling (GBP13,812) rappresentanti bilanc dovut in konnessjoni ma' invoices b'ref. no. 327/97, 1050/97, 1002/97, u 9705/96.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur nomine qieghed jipprezenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B).

Illi, avolja interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas xejn.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ekwivalenti ghal Stg13,812 fid-data tas-sentenza rapprezentanti ammont dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datat 10 ta' Marzu, 1998, tal-ittra ufficjali datata 7 ta' April 1998 u tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-interessi legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine u in-nota tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-attur nomine li biha gie cedut is-sorte izda inzamm ferm il-kap tal-ispejjes u dana stante hlas tas-sorte fil-mori tal-kawza;

Semghet lill-attur nomine;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza tal-istess sorte u ghar-rigward tal-kap tal-ispejjes tiddeciedi billi tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjes kollha ta' din il-kawza.

**Imhallef**

**Dep. Registratur**